MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 1009/1990/1

**Lawrence sive Renzo Borg Grech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Flair Design Limited" kif debitament awtorizzat**

**Vs**

**Joseph Baldacchino**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi

Peress illi l-attur nomine dahal f'kuntratt ta' appalt mal-konvenut datat 16 ta' Marzu 1990 hawn anness Dok. A.

Peress illi hafna mix-xoghol li kellu jitlesta skond it-termini tal-appalt ghadhom ma tlestewx.

Peress illi dak ix-xoghol li l-konvenut lesta ma esegwihx skond is-sengha u l-arti.

Peress illi l-attur nomine sofra danni minhabba agir illegali u irresponsabbli tal-konvenut.

Peress illi skond il-kuntratt il-konvenut ghandu jhallas Lm50 kuljum ghad-dewmien.

Peress illi l-attur nomine inoltre sofra telf ta’ profitt fuq ix-xoghol li kellu jigi esegwit mill-konvenut.

Peress illi inoltre l-attur sofra danni ohra konsistenti f’kiri ta’ mwejjed u siggijiet, trasport ta’ l-istess, overtime ta’ personnel u hsarat ohra.

Peress illi dan il-kuntratt ta’ appalt tas-16 ta’ Marzu 1990 ghandu ghalhekk jigi dikjarat xjolt u rexiss.

Jghid il-konvenut ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara xjolt u rexiss il-kuntratt ta’ appalt tas-16 ta’ Marzu 1990.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas multa ta’ Lm50 kuljum ghal gurnata dewmien.

3. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha li l-attur sofra inkluz it-telf ta’ profitt.

4. Tllikwida d-danni li l-attur nomine sofra minhabba l-agir illegali u irresponsabbli tal-konvenut jekk hemm bzonn bl-opera ta’ perit.

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dawk id-danni hekk likwidati oltre l-imghax legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta’ Awissu 1990 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur noe a fol.. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol.. 12 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-konvenut mhux il-legittmu kontradittur;

2. Illi fil-mertu d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa l-attur li ma osservax it-termini tal-appalt u kien inadempjenti fl-osservanza tal-istess.

3. Illi d-domandi rigward danni mitluba mill-attur huma bla bazi jekk hu minnu illi l-konvenut huwa tenut li ihallas l-multa.

4. Illi l-attur ghandu kull dritt fil-ligi li jittermina l-appalt izda l-konvenut m’ghandux ibati ebda konsegwenza b’daqstant li ghandhom jibqaw inalterati u riservati d-drittijiet tieghu *si et quatenus* li jfittex l-attur ghal pagament tax-xoghol esegwit oltre il-kumpens, jekk il-kaz, a tenur tal-artikolu 1640 tal-Kodici Civili.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza preliminari taghha a fol.. 47 li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Rat id-digriet a fol.. 50;

Rat id-digriet a fol. 312 li bih il-Qorti ordnat li l-kawza fl-ismijiet inversi 756/95 tinstemgha kontestwalment ma dina l-kawza;
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

F'dina l-kawza l-attur qed jitlob ir-rexissjoni tal-kuntratt ta' appalt tas-16 ta' Marzu, 1990; li l-konvenut ihallas multa ta' Lm50 kuljum ghal kull gurnata dewmien u biex jigu likwidati u mhallsha d-danni sofferti mill-attur minhabba l-inadempjenza tal-konvenut.

Il-konvenut kien eccepixxa li hu mhux l-leggitmu kontradittur izda dina l-eccezzjoni kienet gie michuda b'sentenza preliminari (ara fol. 47).

Fil-mertu l-konvenut eccepixxa li kien l-attur li ma osservax it-termini ta' l-appalt u dwar it-talba ghal danni u multa qal li dawn m'humiex dovuti. Il-konvenut accetta li l-attur setgha jittermina l-kuntratt ta' appalt (kif fil-fatt gara) izda hu ghandu dritt li jithallas tax-xoghol li ghamel, oltre li jircievi kumpens, jekk ikun il-kaz, skond l-artikolu 1640 tal-Kap 16. Effettivament il-konvenut wara dina l-kawza (u cjoe hames snin wara) kien ipprezenta citazzjoni kontra l-attur fejn fil-fatt talab li jithallas ta' l-appalt li gie terminat (ara l-kawza fil-lista tal-llum 756/95GV deciza llum).

L-attur qed jissottometti li x-xogholijiet appaltati ma tlestewx kollha mill-konvenut, u dak li tlesta, ma sarx fil-hin stipulat, u anke ma kienx skond is-sengha u l-arti. L-attur pproduca diversi xhieda u dokumenti biex jissostanzja it-talba tieghu f'dan ir-rigward. Apparti ix-xhieda tieghu, hemm dika tat-tfal tieghu li kellhom jitpoggew speci ta' ghassa fil-fabbrika tal-konvenut biex jaraw li x-xoghol jibda u jitkompla u li l-materjal li huma kellhom jixtru ghal konvenut huwa juzah ghal progett ta' missierhom. Xehdu wkoll persuni li kellhom isewwu siggijiet, l-imwejjed u l-bibien billi ma kienux saru skond l-arti u s-sengha. Xehdu wkoll persuni mill Institute of English Language Studies li kkonfermaw li x-xoghol ma giex konsenjat fil-hin u ma sarx tajjeb u li minhabba f'hekk kellu jsir ftehim mill-gdid ma l-attur u b'termini aktar iebsa.

Id-dokument prodott mill-attur a fol. 107 huwa ittra ta' Joe Gauci Administration Manager tal-Institute of English Language Studies lil attur fejn irrefera ghall dana l-progett

u ndikalu li certi *items* kienu lanqas ghadhom gew konsenjati u li l-*items* li gew *delivered* ma kienux skond is-sengha u l-arti u kienu difettuzi (ara para (3) (a) sa (g) u li ma kienx sar xoghol fuq is-siggijiet u l-imwejjed. Minhabba dan id-dewmien l-Istitut kellu jikri siggijiet u mwejjed minn post iehor u wehlu spejjez addizzjonali li kienu se jiccargjaw lill attur ghalihom. Ghalhekk Gauci kien informa lill attur li minhabba f'hekk huma kienu ser:

A: *Terminate our contract dated 16th March 1990.*

B: *Hold you responsible for all damages suffered by ourselves together with the penalties for late delivery as stipulated in our contract.*

Il-konvenut xehed li hu ma kienx jaf li kien hemm terza persuna involuta fil-kuntratt li ghamel ma' l-attur, u li hu ma kellux x'jaqsam xejn mill-kondizzjonijiet u penalitatjiet imposti mill-Istitut lill-attur.

Jirrizulta pero' li fil-kuntratt li kien sar bejn l-attur u l-konvenut (ara fol. 5) il-konvenut kien intrabat ukoll b'terminu li jikkonsenja x-xoghol ordnat mill-attur entro nofs Gunju u dan, l-attur ghamlu billi kien marbut mal-Istitut li ried jiftah l-iskola fil-bidu ta' Lulju. Apparti t-terminu stipulat li l-konvenut kellu ma l-attur, kien hemm ukoll imposta penali ta' Lm50 kull jum jekk ma jitlestix ix-xoghol fiz-zmien stipulat, sakemm ir-raguni ma tkunx ikkagunata minn dewmien fuq xoghol li jrid isir minn haddiehor qabel.

Fil-fatt il-konvenut qed jaqbad ma dina l-kawzola u qed ighid li hu ma setghax ilesti fil-hin billi meta mar biex ikejjel il-madum dan ma kienx lest u ghalhekk seta jkejjel biss *roughly* u seta jkejjel bl-ezatt wara is- 16 ta' Mejju, 1990. Il-Qorti pero' tirrileva li l-konvenut mhux bibien biss kellu jaghmel imma anke siggijiet u mwejjed u anke dawn ma gewx konsenjati fil-hin u mhux biss il-bibien.

Jirrizulta mill-provi li l-konvenut kien dam biex jibda x-xoghol u biex jixtri il-materja prima, tant li certa materja prima kellha tinxtara mill-attur stess billi l-konvenut ma kellux biex jahdem jew jekk kellu kien qed juzaha ghal

xoghol ta’ haddiehor mhux ta’ l-attur.  Jirrizulta mill provi li sa Lulju meta l-iskola kienet diga fethet il-konvenut kien lesta biss nofs ix-xoghol. L-attur u l-istitut kellhom ghalhekk jaraw kif jiddubbaw biex isibu siggijiet u mwejjed u biex isewwu dawk l-oggetti li gew konsenjati difettuzi biex ikunu jistghu joperaw.

Il-konvenut semma li ma setghax ikompli jipprovvdi lill attur bit-tieni parti tal-konsenja billi l-attur ma kienx hallsu ta’ l-ewwel konsenja. Izda jirrizulta mid-dokumenti ezibiti, mix-xhieda u mill-provi prodotti li l-attur kien gustifikat li ma jaghmilx pagament lanqas fuq l-ewwel konsenja billi kien hemm dewmien fil-konsenja u anke xoghol li sar kien hazin u dan kif gie konfermat minn diversi xhieda u dokumenti imsemmija.

Minhabba dana kollu l-attur kien obbligat li jerga jinnegozja ftehim gdid ma l-Istitut biex jirrimedja ghal inadempjenzi tal-konvenut. Fil-ftehim li jinsab a fol. 187 u 273  hemm konfermat l-ammont ta’ xoghol li lesta l-konvenut (nofs) u l-ammont li thallas lill attur u kemm wehel l-attur minhabba xoghol hazin u tardiv kif ukoll spejjez ohra.

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi li l-ewwel talba ghandha tigi milqugha.

L-atturipprezenta rendikont ta’ flus u pagamenti u hlasijiet ohra a fol. 97. Dwar dana r-rendikont il-konvenut jaqbel biss mal-bilanc ta’ Lm7,593.30 u kkontesta u ma qabilx mat tnaqqis l-iehor li l-attur jippretendi li ghandu jaghmel.

Dwar il- 5% kummissjoni, l-konvenut jghid li dina mhiex dovuta billi ma kien hemm ebda ftehim dwarha u ghalih l-attur kien is-sid. Illi mid-dokument ezibit a fol. 5 ma jidhirx li kienitx saret xi provista ghal kummissjoni ghalhekk dana l-ammont m’ghandux jitnaqqas. Il-Qorti hi tal-fehma li dina l-kummissjoni lanqas ma hi dovuta minhabba t-terminazzjoni tal-kuntratt u c-cirkostanzi tal-kaz kif svolgew fejn ix-xoghol ma tkompliex mill-konvenut.

Kwantu ghall paga tat-tfal imhallsa mill-attur fuq il-progett dina mhiex dovuta billi kienet inizzjattiva ta' l-attur li hu jibbaghat it-tfal tieghu fil-fabbrika tal-konvenut biex jissorveljaw u jaraw li x-xoghol johrog kif jixtiequ. Ma kien hemm l-ebda ftehim fuq dana imma kienet biss decizjoni unilaterali ta' l-attur.

L-ammont mitlub ghax-xiri ta' materjal biex jitlesta ix-xoghol hu dovut u l-attur ressaq provi li dawn thallsu minnu u anke gew konfermati mix-xhieda prodotta.

L-attur talab ukoll tnaqqis li sar mill-Institute of Eng. Lang. Studies ghax-xoghol hazin u dewmien u penali u trasporti ohra, fl-ammont ta' Lm4,852.00. L-istitut effettivament kien naqqaslu Lm5,852 bhala multa u xoghol hazin u tardiv etc izda kellhom ihallsuh Lm1,000 meta jitlesta x-xoghol u dan ghas-saldu. Illi l-konvenut jirritjeni li dana l-ammont m'ghandux jitnaqqas billi hu ma kienx parti mill ftehim li sar mill-attur ma' l-istitut u ma kien hemm ebda dikjarazzjoni jew sentenza li tghid li x-xoghol kien difettuz. Il-Qorti tirrileva pero' li l-attur gab provi sufficjenti li x-xoghol kien difettuz u mhux accettabli u li kien kostrett jasal ghal ftehim mal Istitut minhabba l-inadempjenza tal-konvenut li naqas mill-obbligi tieghu. L-attur kien imhedded b'penali ta' Lm50 kulljum ghad-dewmien u ma kellux alternativi ohra hlief li jasal ghal arrangament mal-istitut biex isalva dak li kien salvabbli. Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi li dana l-ammont mitlub mill attur ghandu jigi mnaqqas.

Qabel ma kuntrattur jindahal ghal bicca xoghol, hu ghandu jkollu l-kapacita` teknika mehtiega (Vol XLII pI p517). Il-Qrati taghna f'certi kazijiet ordnaw il-hlas tal-prezz ta' l-appalt stabbilit a misura, meta kien hemm difetti parzjali u mhux sostanzjali fix-xoghol, izda ordnaw lill-kommittent jirritjeni parti mill-prezz sakemm l-appaltatur isewwi d-difetti. F'kazijiet ohra fejn ix-xoghol kien ezegwit in parti sewwa u in parti hazin, giet negata lill-appaltatur kull parti mill-prezz fuq il-motiv li x-xoghol ma kienx sar skond ma titlob is-sengha. F'kazijiet ohrajn il-Qorti ordnat li titnaqqas mis-somma li tigi mhallsa somma stmata mill-perit bhala kumpens ghad-difetti fix-

xoghol, specjalment meta ma jkunx aktar possibbli jew prattikabbli li jigu rrangati d-difetti" (ara sentenza App C. Gauci vs M. Grixti 23/1/95).

Fil-kaz in ezami dina l-Qorti hi tal-fehma li nvista tal-fatti kif graw u dak li ntqal aktar ‘l fuq l-attur ghandu jigi kkundannat jaghti lill konvenut is-somma ta’ Lm861.13. biss.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi

Billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tiddikjara xolt u rexiss il-kuntratt ta’ appalt tas-16 ta’ Marzu 1990 b’dana pero’ li l-konvenut ghandu jithallas mill-attur is-somma ta’ Lm861.13 ghax xoghol li lahaq ghamel wara li jsir it-tnaqqis fuq imsemmi u ghar ragunijiet fuq spjegati.

Bl-ispejjez kwantu ghal kwart ghall-attur u tlett kwarti ghall-konvenut.

Bl-imghax mid-data tas-sentenza sa l-eventwali pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------